MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1724/2003

**Dix Computers Limited**

**Vs**

**Jane Chircop**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma t'erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija u servizz moghti lill-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata ma resqitx Risposta formali izda fis-seduta tal-31 t'Ottubru 2003, l-unika darba li dehret ghall-kawza, hija vverbalizzat li s-socjeta' attrici ma gietx inkarigata minnha biex taghmel ix-xoghlijiet, illi f'kull kaz ix-xoghlijiet ma sarux sew, illi hija kienet originarjament inkarigat lil Mario Psaila biex jaghmel *network* fl-ufficcju taghha gewwa l-Qawra, x-

xoghol li sar minn Mario Psaila ma kienx skond is-sengha u l-arti u li kien hu li nkariga lis-socjeta' attrici. Illi Mario Psaila kien inkariga lil Arlin Fenech biex jaghmel ix-xoghol u thallas tax-xoghol mill-konvenuta.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda ta' Alan Grima u Anthony Grima.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta illi Jane Chircop li ghandha kummerc bl-isem Sapphire Real Estate kellha xi diffikultajiet fin-network tal-computers taghha u li certu Mario Psaila kien irrakkomanda lis-socjeta' attrici sabiex taghmel ir-riparazzjonijiet necessarji.

Effettivament jirrizulta wkoll illi l-konvenuta nkarigat lis-socjeta' attrici sabiex isir ix-xoghol relattiv u kien mar fuq il-post Alan Grima u effettwa r-riparazzjonijiet mehtiega. R-riparazzjonijiet saru f'jumejn, cjoe fis-7 u fit-8 ta' Mejju 2003 u l-konvenuta jew impjegati taghha ffirmaw ir-*repair note* relattiv.

In segwitu fit-8 ta' Mejju 2003 hareg invoice fl-ammont t'erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75c). Dan ikopri parts u labour izda l-konvenuta ma hallsitx dak il-hin, kif fil-fatt intalbet li taghmel. Hija talbet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex tkellem lid-Direttur u fil-fatt l-ghada tkellmu u hija wriet li tant kienet kuntenta bis-servizz li thajjret taghmel *maintenance agreement* maghhom.

Dan il-*maintenance agreement* ma mmaterjalizzax u l-konvenuta l-anqas ma hallset tas-servizz moghti.

Mill-provi prodotti jirrizulta minghajr dubju illi s-socjeta' attrici pprestat is-servizzi taghha u kkonsenjat xi materjal lill-konvenuta u li l-ammont mitlub jidher gustifikat. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici giet inkarigata mill-konvenuta u minn haddiehor. Ma saru l-ebda provi li x-xoghol ma sarx sew, anzi, kontrarjament ghal dan, jidher mill-atti illi x-xoghol kien sodisfacenti.

Il-konvenuta naqset li tressaq kwalsijasi provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha.

Illi t-talba attrici giet pruvata u hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma t' erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75c) bl-interessi mill-18 ta' Settembru 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz). L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------